**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spetturi N. Xuereb/R. Veneziani)

**vs**

**Turab Ahmed Sheikh**

Illum 20 ta` Marzu 2002.

Il-Qorti,

1. Wara li rat il-mandat ta` arrest provvizorju mahrug mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona in forza tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijet ta` Malta, fil-konfront ta` Turab Ahmed Sheikh (fol.6 - 20 ta` Dicembru 2001).

2. Wara li rat ir-rapport tal-Ufficcjali Prosekuturi mahluf fil-21 ta` dicembru 2001.

3. Wara li rat li quddiemha tressaq l-imsemmi Turab Ahmed Sheikh, cittadin Malti, imwieled il-Pakistan, nhar

is-26 ta` Novembru 1960, Karta tal-Identita` numru 390689 (M), residenti 14, Imperial Court, Triq Depiro, Sliema, sabiex din il-Qorti tmexxi kontrih, ai termini tal-Artikoli u d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta Dwar l-Estradizzjoni li huwa mfittex mill-Interpol kif ukoll li hemm allegati reati kontrih mill-Procura della Republica presso Tribunale Ordinario di Siracusa.

4. Wara li rat l-awtorita` ghal procediment mahruga mill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali fid-29 ta` Jannar 2002.

"Billi l-Gvern tar-Republika ta` l-Italja, pajjiz barrani imsemmi ghal finijiet tal-Artikolu 7 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni tal-1978, ghamel talba biex jitregga lura f`dak il-pajjiz Turab Ahmed Sheikh, cittadin Malti, imwieled nhar is-26 ta` Novembru 1960, fil-Pakistan, detentur tal-Karta ta` l-Identita` numru 390689 (M), residenti f`14, 'Imperial Court', Triq Depiro tas-Sliema, li huwa akkuzat bid-delitti ta` assocjazzjoni m`ohrajn, bl-iskop li jikkommettu reati kontra l-Ligijiet Dwar l-Immigrazzjoni, u cioe`, li jiffavorixxi d-dhul gewwa l-Italja ta` diversi persuni baranin, talli kkommetta reati kontra l-Ligijiet Dwar l-Immigrazzjoni u cioe`, billi ffavorixxa d-dhul illegali gewwa l-Italja, ta` diversi persuni barranin, bir-reat ta` omicidju involontarju u bir-reat ta` hsarat involontarji, kif jidher mill-partita 1 sa 4 fl-iskeda hemm annessa u mmarkata "X" (Dok FD a fol. 45).

5. Wara li rat id-dokumenti kollha esibiti u l-atti, semghet ix-xhieda bil-gurament, semghet it-trattazzjoni ta` l-Avukati.

6. Wara li accertat ruhha dwar:

(a) L-identita` tal-persuna quddiemha, Turab Ahmed Sheikh;

(b) Il-prova tat-talba bil-miktub tal-pajjiz barrani, jigifieri l-Italja, hija pajjiz skedat, u ghalhekk, hu "pajjiz barrani" ai termini ta` l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 276;

(c) L-awtorita` ghall-procediment diga msemmija;

(d) Il-mandat barrani awtorizzanti l-arrest tal-persuna msemmija f`dawn il-proceduri;

(e) Id-dettalji dwar fatti u ligijiet kostitwenti l-bazi ta` l-akkuzi, wkoll ir-reat jew reati in meritu u l-evidenza permezz ta` liema kien inhareg il-mandat ta` arrest provvizorju, u sussegwentement, li l-awtorita` ghall-procediment, tal-Ministru tal-gustizzja u Gvern Lokali.

7. Wara li rat li dawn ir-rekwiziti preliminari kollha jirrizultaw sodisfatti mill-aspet procedurali skond il-ligi.

8. Wara li semghet it-trattazzjoni ta` l-abili avukati, l;-qorti ser timxi skond l-ordni tal-punti imqajjma quddiemha. L-avukati ittrattaw fuq ir-reati, wiehed wara l-iehor li ghalihim qed tintalab l-estradizzjoni.

9. L-ewwel reat: ksur ta;-Artikolu 417 tal-Kodici Penali Taljan. L-Avukati tal-partijiet jaqblu li dan mhux reat li jikkwalifika ghall-estradizzjoni skond l-Artikolu 8 (1)(a)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta.

10. It-tieni reat: Articolo 3 comma 8 legge 28-2-90 nr.39. Dan ir-reat jixbah dak imsemmi fl-Artikolu 32 ta` l-Att Dwar l-Immigrazzjoni, il-Kapitolu 217. Qamet il-kwistjoni bejn il-partijiet ghal x`hiex ezattament qed tirreferi l-akkuza; ghal dak li seta` gara fil-25 ta` Dicembru 1996 jew ukoll ghal dak li seta` gara qabel. Fl-istqarrija tieghu, l-akkuzat ammetta li xi hames xhur qabel li ghamel l-istqarrija f`Dicembru 1996, hu kien ghen biex klandestini jiddahhlu l-Italja. L-akkuza ssemmi l-"costa Siracusana tra Noto e Pachino." U bhala zmien ta` twettiq, "fino al 25 Dicembre 1996". Qabbel ma l-akkuza kontra El Hallal Youssef li ta dawk li salvaw faccata tax-xtajta ta` Reggio Calabria, fejn il-Yiohan inqabad. "fino al 28-02-1997" Procura della Republica presso il-Tribunale di Reggio Calabria. (dokumenti - ahmar 520 - 562, iswed

774 - 817). L-akkuza qed tirreferi ghal dak kollu li seta` gara fil-kosta ta` Siracusa bejn Noto u Pachino. Mhux qed tirreferi ghal grajja wahda. L-akkuza kif tajjeb sostna l-Avukat Generali qed tirreferi ghar-reat kontinwat jigifieri (1) diversi azzjonijiet li jirregolaw l-istess dispozizzjoni tal-ligi; (2) li gew maghmula f`okkazjonijiet differenti; u (3) li gew maghmula dejjem bl-istess rizoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess dispozizzjoni tal-ligi. Reat kontinwat igorr piena mizjuda u dan hu mportanti f`kaz ta` estradizzjoni, cioe ir-rekwizit li piena li xi reat hu soggett ghaliha jew punibbli biha, kemm fir-*"requesting state"* kif ukoll fir-*"requested state"* ghall-istess fatti kriminanti, ma tkunx anqas minn sena prigunerija, jew piena akbar. (Punt li ma tqajjimx). Id-difensur ta` Turab ecepixxa l-preskrizzjoni wara li sostna li l-akkuza mhix ta` reat kontinwat. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali in re-"Il-Pulizija vs Fatila Khallouf" App. Nru 118/2001, 25 ta` Settembru 2001:

> "Meta si tratta ta` reat kontinwat, il-ligi penali taghna tibqa` tikkunsidrah bhala reat wiehed u wahdu, "a single offence". Il-Professur Mamo hekk sejjahlu u qatt ma kkunsidrah bhala xi reat akkompanjat b`cirkostanzi aggravanti."

11. Ghalhekk il-preskrizzjoni hija dik ta` hames (5) snin - Artikolu 688 (d) I r-reat mhuwiex preskritt. L-ahhar ksur tal-ligi skond l-akkuza gara fil-25 ta` Dicembru 1996 u l-

mandat ta` arrest haregfl-20 ta` Dicembru 2001. Hu sodisfatt l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar it-Treggigh Lura. Din hi l-konvenzjoni applikabbli.

12. <u>It-tielet reat:</u> Artikolu 449 tl-Kodici Penali Taljan. Fl-Italja hemm il-figura ta` 'disastro' li skond l-Antolisei "va inteso nel senso di un avvenimento di notevole entita` che pone in pericolo un numero indeterminato di persone". (Manuale di Diritto Penali - Parte Speciale -11, pagina 524). Fost ohrajn jaqghu that 'disastro', 'naufragio', 'sommersione', li l-imsemmi awtur ifisser hekk (ibid 525):

> "per naufragio si intende la perdita di una nave, dovuta a qualsiasi causa (collisione, esplosione, rovesciamento ecc. ) si riferisce propiamente alle navi in navigazzjone."

> "la sommersione e` l` affondamento totale o parziale, nell`aqua, per effetto del quale una nave che non si trovi in navigazione, o altra costruzione, gia natante, piu non gallegia."

Ir-reat jista` jkun doluz jew kolpuz. L-Artikolu 449 jirreferi ghal 'colpa' - Skond l-Antolisei (ibid 553);

> "e` punito chiunque cagiona per colpa…….naufragio, sommersione……….che abbia I caratteri e le proporzioni di un disastro."

Dan ir-reat ma jizistix fil-ligi Maltija. Barra dan Turab qed jigi akkuzat bil-"quale componente dell`assocjazione" (fol.64), jew fil-verzjoni Ingliza " as a member of the association' (fol. 100). Hawnhekk terga tissemma l-"associazione a delinquere' li ma tezistix fil-ligi Maltija. Ghalhekk dan mhux reat li jgib l-estradizzjoni u minhabba l-"associazione a delinquere" ma jistghax jidhol xi reat anqas serju.

13. Ir-raba` reat: L-Artikolu 428 tal-Kodici Penali Taljan. Waqt li l-Artikolu 449 hu msejjes fuq 'colpa', l-Artikolu 428 hu msejjes fuq 'dolo". Ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu ta` qabel dan, dan ir-reat ma jgibx it-treggigh.

Dawn iz-zewg artikoli jirreferu biss ghall-incident tal-25 ta` Dicembru 1996.

14. Il-hames reat: L-Artikolu 589 tal-Kodici Penali Taljan. Dan l-Artikolu jixbah lill-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u hu suggett ghall-estradizzjoni.

> "Kull min b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti, jikkaguna l-mewt ta` xi hadd, jehel, meta jinstab hati, `l-piena ta`

> prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, jew multa mhux izjed minn elfejn lira."

15. Dawn huma r-reati li l-Qorti kellha tikkonsidra skond it-trattazzjoni.

16. Il-funzjoni ta` din il-Qorti bhala Qorti rimandanti tinsab imfissra fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 276. Dan l-Artikolu jistipula li l-Qorti mandanti ghandu jkollu l-istess funzjonijiet ta` Qorti Istruttorja u sa fejn jista` jkun l-istess poteri. Min dan johrog car li din il-Qorti ghandha tezercita l-funzjoni bazika li tisma u tigbor il-provi kollha li jressqu l-partijiet, u fl-gheluq tal-kumpilazzjoni tal-provi tiddeciedi, wara li tkun iddeterminat jekk l-akkuzi humiex bazati fuq reati ta` estradizzjoni, tiddeciedi ulterjorment jekk il-provi (humiex) bizzejjed sabiex jiggustifikaw li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta` Malta (Artikolu 15 (3)(a) tal-Kapitolu 276).

> "Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lil persuna ghall-estradizzjoni, ghandhu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fin tad-decizjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta` akkuza. Fil-kaz li l-Qorti issib il-provi 'prima facie' jindikaw il-

> probabilita` tal-htija jew anke jekk ikolla dubju f`dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti m`ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-Gudikant." (Appell Kriminali; "Il-Pulizija vs Anthony Satariano").

17. Mix-xhieda tal-Ispettur Antonello Grech ( fol. 128 - fol. 145) jirrizulta l-pulizija Maltija kellha sehem kbir fl-investigazzjonijiet. Fl-24 ta` Dicembru 1996 il-Pulizija rat dghajsa hierga minn Marsaxlokk bin-nies fuqha u gieha suspett li kienet hierga biex tghabbi xi klandestini ghal Sqallija. Sar tiftix mill-pulizija u mill-Qawwiet Armati. Wara li ghadda l-lejl gie mgharraf l-Ispettur Angelo Baldacchino u nstab li d-dghajsa kienet giet misruqa minghand certu Giljan Farrugia. Fit-28 ta` Dicembru zewg nisa Caterina Averginou u Rita Barbara talbu li jkellmu lill-Ispettur Grech. Saret il-laqgha u fl-ahhar sar rapport fuq l-istruzzjonijiet tal-istess Spettur, li zwieg Averginou u Barbara kienu nieqsa mill-24 ta` Dicembru. L-Ispettur ghaqqad kollox f`daqqa, rega kellem lil Aveginou li qaltlu li certu Tony, persuna barranija, li mar id-dar taghha u qalilha li zewgha "he is outside territorial waters". Turab talab lil mart Averginou ic-cwievet tal-karrozza ta` zewgha li qalla li kienet Marsaxlokk. Turab kien jaf li Averginou u fejn joqghod. Gol karrozza ta` Averginou instabet licenzja tas-sewqan ta` Zervoudakis u karti tieghu mill-pulizija (fol.131) Averginou u Zervoudakis telqu flimkien fl-24 ta` dicembru 1996 ghall-habta tal-5.30 pm., (fol.131)minn lukanda Maltija. Mix-xhieda tal-Ispettur Antonello Grech jirrizulta li mart

Averginou kienet taf lil Turab ghax zewgha kien gabu d-dar (fol.139) kuntrarju ghal dak li qalet quddiem din il-Qorti (fol. 185) kif kienet taf x`qed jaghmel. Rita Barbara (fol. 166 - 171 kienet taf f`hiex kien qed jiehu sehem zewgha.

Turab fl-istqarrija mehuda skond il-ligi u konfermata bil-gurament, jammetti li ha sehem f`diversi okkazjonijiet ta` garr ta` klandestini minn l-istess vapur (Yioham) li mill-atti jirrizulta li ngahraf kif intgharfet il-lanca F 174, zghira, fi sat hazin, tesa` ftit nies, li gherqet. Lill-pulizija tahom 'il-credentials' ta` fejn kien jiltaqa` mal-vapur. Dawn instabu wkoll fil-vapur eta f`garr ta` klandestini fit-28 ta` Frar 1997 inqabad li kienu imnizzlin fuq 'tavola nascosta' mill-Kaptan tal-vapur El Hallel Youssef. Il-credentials jaqblu.

Ghalkemm Turab fl-istqarrija jghid li qal lil shabu biex ma jmorrux minhabba l-maltemp, baqa` jmexxihom hu fuq il-bahar. Mistoqsi mill-pulizija (dwar dak li gara fil-Milied tal-1996) "Kif taf li hargu", wiegeb: "Ghax rajthom hergin u mort kellimthom minn fuq Delimara Point. Kont qieghed ghassa ghal xi patrol boat u kont f`kuntatt maghhom bil-V.H.F. Dan kien ghal 10.30 p.m. tal-24 ta` Dicembru. (Ara stqarrija esibita dartejn a fol. 28-31 u a fol. 47-50 tal-process).

Kif gara dan l-incident jirrizulta bl-akbar mod car. (e.g. ara xhieda ta` dawk li rnexxilhom isalvaw li gharfu wkoll xi nies imdahhla b`xi mod fl-incident). L-Awtoritajiet

Taljani aktarx ghax damu ma ntebhu x`gara, taw importanza kbira lil dak li gara fil-Milied tal-1996 imma mill-pulizija Maltija li kellhom tgharif siewi qabilhom saru jafu dwar il-hidma ta` Turab u ghalhekk hargu l-akkuzi kif hargu. Jirrizulta li fit-tragedja imsemmija tilfu hajjithom mijiet ta` nies, klandestini li illegalment kienu ser jidhlu l-Italja.

Ta` dawn il-vjaggi Turab kien jithallas mhux dejjem bl-istess rati. Meta jsemmi l-isem 'Eftelis' (kif kitbitu l-pulizija Maltija) qed jirreferi ghal Zervoudakis Eftechios sid il-vapur li f`kull okkazjoni kien mieghu. Il-Qorti mhix tidhol fil-mertu imma qed tikkonsidra li 'prima facie' hemm il-probabilita` ta` htijiet li issa ser isemmi.

Ghalhekk il-Qorti billi hija sodisfatta, wara li semghet il-provi, li dawn isostnu t-talba ghat-treggigh lura ta` Turab Ahmed Sheikh fuq l-Artikolu 3, Comma 8 legge 28-2-90 n.39, fuq l-Artikolu 589 tal-Kodici Penali Taljan u ma hemm l-ebda ostakolu ghal dan it-treggigh lura, qed tibghat lil din il-persuna taht kustodja ghall-fini ta` treggigh lura lejn ir-Republika ta` l-Italja, sond il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta.

Qed tibghat l-atti lill-Avukat Generali u qed tgharraf lill-persuna imsemmija bil-jeddijiet taghha skond l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 276, jigifieri qed tgharrafha li ma tkunx ser titregga` lura qabel ma jghaddu hmistax il-jum mid-data ta` din l-Ordni ta` Kustodja u li tista` tappella lill-Qorti tal-

Appell Kriminali u jekk jidhrila li xi wahda mid-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) tal-Artikolu 10 ta` dan l-Att giet miksura jew xi dispozizzjoi tal-Kostituzzjoni ta` Malta hija, tkun giet jew x`aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata ir-revoka, l-annulament jew il-modifika tal-Ordni tal-Kustodja tal-Qorti, hija ghandha dritt li titlob rimedju skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni. Il-Qorti qed tichad it-treggigh lura fuq l-Artikoli l-ohra kollha imsemmija fit-talba.

Billi l-Qorti giet mgharrfa li l-persuna ghaddejja minn proceduri ohra, l-persuna fuq imsemmija, skond l-Artikolu 12 tal-kapitolu 276, m`ghandhiex titregga lura skond l-imsemmi Att jew tintbaghat jew tinzamm f`kustodja ghall-fini ta` dak it-treggigh lura, sakemm ma tkunx giet mehlusa jew b`liberazzjoni jew meta tkun skontat is-sentenza taghha jew xort`ohra, dejjem skond il-kaz.

Il-Qorti tordna li l-process u kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali.

Vera kopja.

Dr Jos Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.